PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

14.6.2007

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar il-baġit ta’ l-2008: taqsima III, il-Kummissjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Bárbara Dührkop Dührkop

Il-baġit ta' l-2008 għall-Ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (Titolu 18) huwa ta' 746.72 miljun euro, li jirrappreżenta żieda ta' 11.2% meta mqabbel ma' l-2007.

I. Programmi/Fondi

Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-programmi l-ġodda għall-2007-2013 hija skond kif ġej fl-aħħar ta' Mejju 2007:

- ***"Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja":***

Iż-żewġ programmi f'konsultazzjoni ("*Ġustizzja Krimimali*" and "*Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza*") huma adottati.
Ma hemm l-ebda qbil fl-ewwel qari fuq il-programm "*Ġustizzja Ċivili*" u fuq is-sottoprogramm "*Prevenzjoni tad-Drogi u informazzjoni*", it-tnejn li huma f'kodeċizjoni (nuqqas ta' qbil fuq il-proċedura ta' komitoloġija), il-Kunsill għandu jadotta il-pożizzjonijiet komuni tiegħu fit-12 ta' Ġunju.

- ***"Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi Migratorji":***

It-tliet fondi f'kodeċiżjoni (Fond għall-Fruntieri Esterni, Fond għar-Refuġjati u Fond għar-Ripatrijazzjoni) ġew adottati mill-Kunsill f'Mejju 2007.
Ir-raba' Fond (Integrazzjoni ta' Ċittadini minn Pajjiżi Terzi) għadu ma ġiex adottat.

- ***Sigurtà u Ħarsien tal-Libertajiet":***

Il-programmi "*Prevenzjoni u Ġlieda kontra l-kriminalità*" u "*Prevenzjoni, tħejjija u ġestjoni tal-konsegwenzi tat-terroriżmu"* ġew adottati fi Frar 2007.

Il-Parlament esprima ċertu tħassib meta l-**Fond għar-Ripatrijazzjoni** ġie adottat, li enfasizza li l-Parlament iqis li huwa meħtieġ li d-Direttiva dwar ir-Ripatrijazzjoni tiġi adottata sabiex timplimenta l-Fond għar-Ripatrijazzjoni. Billi jidher li l-Kunsill mhux ser jadotta id-Direttiva dwar ir-Ripatrijazzjoni sal-bidu ta' l-2008 (meta il-Fond għar-Ripatrijazzjoni għandu jibda jopera), ir-rapporteur jista' jipproponi li l-ammont kollu previst għall-Fond għar-Ripatrijazzjoni fl-2008 jitpoġġa f'riżerva sakemm tiġi adottata id-Direttiva dwar ir-Ripatrijazzjoni.

Fit-tliet programmi ta' kodeċiżjoni taħt il-programm ġenerali "**Solidarjetà u Ġestjoni ta' Flussi Migratorji**" (u fit-test ta' l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fuq il-Fond għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini minn Pajjiżi Terzi kif adottat mill-Parlament), hemm dispożizzjoni li titlob lill-Kummissjoni biex "*tistabbilixxi **linji gwida sabiex tiżgura il-viżibbiltà** tal-fondi mogħtija skond din id-Deċiżjoni*" (Artiklu 33(6) tad-Deċiżjonijiet dwar il-Fond għar-Ripatrijazzjoni, il-Fond għar-Refuġjati u l-Fond għall-Fruntieri Esterni). Ir-rapporteur jixtieq isaqsi lill-Kummissjoni jekk dawn il-linji gwida kinux adottati mill-Kummissjoni, u jekk le, meta ser jiġu adottati.

Fir-rigward tal-Fondi li għadhom ma ġewx adottati ("*Ġustizzja Ċivili*", is-sottoprogramm "*Il-Prevenzjoni tad-Drogi u informazzjoni*" u l-"*Fond għall-Integrazzjoni taċ-Ċittadini minn Pajjiżi Terzi*"), il-proċedura normali hi li s-somma titpoġġa fir-**riżerva** sakemm ikollhom bażi legali.

Il-faċilitajiet ta' Schengen u Kaliningrad : Skond l-istqarrija ta' l-attività ta' DĠ JLS, "*il-*

Fond għall-Fruntieri Esterni ser isostni lill-Istati Membri biex ilaħħqu mal-piż finanzjarju fil-qasam tal-fruntieri esterni u l-politika tal-viżi. Dan jinkludi appoġġ għall-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Repubblika Slovakka u s-Slovenja fl-implimentazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen u t-tisħiħ tal-kontroll tal-fruntieri esterni (sa tmiem l-2006 sostnutmill-faċilità ta' Schengen), u l-għoti ta' għajnuna lill-Litwanja biex tiggarantixxi l-moviment ħieles ta' persuni fl-Unjoni (sa tmiem l-2006 sostnut mill-faċilità ta' Kaliningrad)." Wieħed jista' jistaqsi għalfejn, jekk iż-żewġ faċilitajiet issa huma koperti mill-Fondi għall-Fruntieri Esterni, dawn għadhom jidhru fil-baġit ta' l-2008 bħala "p.m." u mhux "-".

II. SIS/VIS

Minħabba dewmien fl-implimentazzjoni ta' SIS II, ġie deċiż f'Diċembru 2006 fi ħdan il-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni ĠAI li s-sistema attwali SIS 1+ tiġi estiża għall-Istati Membri ġodda sabiex jiġi evitat il-posponiment tat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni. Filwaqt li s'issa, **SIS 1+** kien iffinanzjat mill-Istati Membri, il-baġit ta' l-2008 (linja 18 04 02 02) jipprevedi li dan ser ikun iffinanzjat mill-baġit tal-Komunità (SIS II, li ser ikun bażi ta' dejta ta' l-UE, ser ikun iffinanzjat mill-baġit ta' l-UE). Din l-ispjegazzjoni tista' tinstab fl-istqarrija ta' l-attività tad-DĠ JLS: "*il-Kummissjoni tista' titpoġġa f'sitwazzjoni fejn tkun mġiegħla tittrasferixxi SIS 1+ fuq s-Testa. Fuq dawn il-premessi, il-Kummissjoni jkollha tiffinanzja u timmaniġġja l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għal SIS 1+ għal fuq s-Testa bħala soluzzjoni alternattiva temporanja, jekk SISNET ma tistax tittawwal u jekk l-Istati Membri mhumiex lesti li jeqilbu fuq SIS II sa l-aħħar ta' Novembru 2008. Din is-soluzzjoni alternattiva temporanja, li għandha tiġi ffinanzjata mill-baġit ġenerali ta' l-UE għandha mnejn ikollha tiġi implimentata u tkun operattiva sa mhux aktar tard mit-13 ta' Novembru 2008, id-data ta' skadenza tal-kuntratt SISNET attwali. Is- (...) somma totali ta' 7.620M€ tinkludi l-installazzjoni u l-ittestjar tan-netwerk s-Testa għal SIS 1+, it-trasferiment ta' l-ambjent SIS (SIS 1+ u SIRENE) lejn in-netwerk il-ġdid fuq s-Testa u lejn il-funzjonament tan-netwerk SIS 1+ s-Testa. Din l-azzjoni għandha ddum sa Novembru 2009 jew sakemm l-SIS II tibda topera, tkun liema tkun l-ewwel minn dawn it-tnejn."* Ir-*rapporteur* jixtieq isaqsi lill-Kummissjoni għaliex hija mbassra din il-bidla u x'inhi l-bażi legali biex isir hekk.

Fil-baġit ta' l-2007, il-Parlament insista li parti mis-somom skedati għal VIS u SIS jitpoġġew f'riżerva, u talab iktar dettalji dwar **l-arranġamenti għall-immaniġġjar** taż-żewġ sistemi[1] iżda wkoll għaliex xi **bażijiet legali** kienu nieqsa[2]. Ir-rapporteur jixtieq ikun jaf l-istat ta' l-affarijiet s'issa. Jekk dawn il-problemi jibqgħu ma jissolvewx, il-Parlament jista' jerġa' jiddeċiedi li jitfa' parti mis-somma f'riżerva.

III. Aġenziji

Skond l-informazzjoni mill-Kummissjoni, l-aġenziji kollha taħt ir-responsabiltà ta' LIBE[3]

[1] SIS II (nuqqas ta' dettalji dwar il-kuntratt bejn il-Kummisssjoni u l-Istat Membru responsabbli għall-immaniġġjar tas-sistema) u VIS (nuqqas ta' dettalji dwar l-arranġamenti għall-immaniġġjar tal-VIS)

[2] VIS u SIS (nuqqas ta' bażi legali għal SIS II u l-interoperabilità tal-VIS) u VIS (nuqqas ta' bażi legali għat-twaqqif ta' bażi ta' dejta dwar il-permess għar-residenza, it-twaqqif ta' bażi ta' dejta dwar il-passaporti, l-aċċess għad-dejta għar-Renju Unit u l-Irlanda u l-immaniġġjar tal-fruntiera (dħul-ħruġ))

[3] L-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, il-Frontex, il-Eurojust, is-Cepol u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Drogi u d-Dipendenza fuq id-Drogi

ingħataw il-baġit li talbu.

Meta wieħed jikkunsidra l-adozzjoni tar-Regolament għat-Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntiera, ir-rapporteur jixtieq isaqsi jekk is-somma maħsuba għall-Frontex (li ser tiffinanzja dawn it-Timijiet) titqiesx li hija biżżejjed.

IV. Kwistjonijiet Oħra

- Azzjoni ta' Tħejjija "Il-ġestjoni tal-Migrazzjoni - solidarjetà fl-azzjoni": fl-istqarrija ta' l-attività ta' DĠ JLS, jintqal li: *l-azzjoni ta' tħejjija "l-ġestjoni tal-migrazzjoni – solidarjetà fl-azzjoni" twaqqfet mill-Parlament Ewropew fl-2007 għal sena waħda biss, partikolarment biex jimtela' l-vojt li hemm bejn l-azzjonijiet ta' tħejjija fil-qasam ta' Ripatrijazzjoni li ntemmet fl-2006 u l-ħolqien ta' Fond għar-Ripatrijazzjoni li l-attivitajiet tiegħu ser jibdew fl-2008."*
Madanakollu, l-azzjoni ta' tħejjija ma kinetx biss dwar ir-Ripatrijazzjoni iżda anke dwar l-iffinanzjar ta' kampanji ta' informazzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini u biex jgħinu lill-Istati Membri jlaħħqu ma' l-ilqugħ ta' migranti irregolari. L-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tqanqal tħassib fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni ta' tħejjija.

- **Skambju ta' dejta fil-qafas tad-Deċiżjoni Prüm**: L-iskambju ta' dejta fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni ser jitwettaq permezz ta' TESTA II (In-networks tat-telekomunikazzjoni trans-Ewropej bejn l-Amministrazzjonijiet). Għandu jiġi enfasizzat li dan in-netwerk ta' komunikazzjoni jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Ir-rapporteur jixtieq ikun jaf jekk il-fondi tal-Komunità humiex ser ikunu disponibbli biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni (per eżempju biex jitwaqqfu punti ta' aċċess ġodda għat-TESTA II jew biex jiġu stabbiliti kollegamenti siguri bejn il-bażijiet ta' d-dejta u l-punti ta' aċċess ta' TESTA).

- **Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni** (linja 18 03 05): In-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni, l-ewwel ħadem bħala proġett pilota fl-2002 u mbagħad bħala azzjoni ta' tħejjija (sa mill-2003). Ir-rapporteur jixtieq ikun jaf x'inhi l-bażi legali għal dan in-Netwerk u jitlob ukoll evalwazzjoni tal-kisbiet tiegħu.

- **Forum dwar id-drittijiet tat-tfal:** Fil-komunikazzjoni tagħha **"***Lejn Strateġija ta' l-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal***"**[1]**,** il-Kummissjoni ressqet l-idea li jinħoloq Forum li jinkludi l-partijiet interessati rilevanti kollha (Stati Membri, aġenziji tan-NU, il-Kunsill ta' l-Ewropa, is-soċjetà ċivili u t-tfal infushom), li l-għan tiegħu jkun li jservi ta' forum għall-iskambju ta' prattiki tajba. Dan il-Forum, magħmul minn madwar 100 membru, jiltaqa' darba jew darbtejn fis-sena. "Għandu jkun assoċjat miegħu grupp ta' tmexxija adult" inkarigat bit-tħejjija tas-sessjonijiet plenarji, li għandu jiltaqa' fuq bażi regolari.
Billi bħalissa ma hemm l-ebda bażi legali speċifika għad-drittijiet tat-tfal, ir-rapporteur jista' jipproponi proġett pilota jew azzjoni ta' tħejjija biex jiffinanzjaw dan il-Forum.

[1] KUMM (2006) 367 ta' l-4 ta' Lulju 2006